

It-Tlieta 15 ta' Jannar 2019

P8\_TA(2019)0003

**Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Kirgiżistan (adeżjoni tal-Kroazja) \*\*\***

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2019 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni u l-Istati Membri, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jstabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (12564/2017 – C8-0033/2018 – 2017/0185(NLE))

(Approvazzjoni)

(2020/C 411/32)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (12564/2017),
  - wara li kkunsidra l-abbozz ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jstabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (12659/2017),
  - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikoli 91, 100(2), 207, 209 u 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0033/2018),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0443/2018),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika Kirgiża.